**Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar**
**St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary**

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2015

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem ______________________________ Klassi ______________

1. **Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.**

2. **Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

3. **Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 25 | 25 | 15 | 25 | 100 |
| | | | | | |

**TAQSIMA A** **(10 marki)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Kelma oħra flok '**kultura**' hija
   a. dinamika.
   b. stil ta' ħajja.
   c. tradizzjonijiet.

2. Kultura hija xi ħaġa ħajja għalhekk ngħidu li din hija
   a. kultura dinamika.
   b. kultura statika.
   c. kultura differenti.

3. Il-kultura ta' pajjiżna tibqa' ħajja jekk din
   a. nibqgħu naqraw dwarha fil-kotba.
   b. tiġi mgħallma lill-membri ġodda fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni.
   c. niftaħru biha mal-barranin.

4. Pajjiż b'mono kultura huwa
   a. pajjiż b'ħafna kulturi.
   b. pajjiż b'kultura waħda.
   c. pajjiż b'kultura kbira u oħrajn żgħar.

5. La f'Malta nsibu bini li mhuwiex Malti, bħal Moskea, ngħidu li Malta hija
   a. mono-kulturali.
   b. multi-kulturali.
   c. Musulmana.

6. L-ekonomija Maltija hija
   a. diversifikata.
   b. gżira-fortizza.
   c. diġitali.

7. In-normi li nsibu f'kultura
   a. huma dejjem l-istess.
   b. ma jeżistux normi f'kultura.
   c. jinbidlu minn żmien għall-ieħor.

8. Id-divertiment fost iż-żgħażagħ illum
   a. inbidel għal kollox minn tal-passat.
   b. ma nbidel xejn minn tal-passat.
   c. huwa taħlita ta' elementi mill-passat u dawk tal-lum.

9. Il-maġġoranza tal-ħaddiema f'Malta nsibuhom fis-settur
   a. primarju.
   b. sekondarju.
   c. terzjarju.

10. L-aktar setturi importanti fid-dinja tal-lum huma
   a. primarji u sekondarji.
   b. terzjarji u diġitali.
   c. sekondarji u terzjarji.

**TAQSIMA B** **(25 marka)**

**Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwaru.**

Għal diversi sekli, il-ħajja tal-bniedem kienet tiddependi l-aktar fuq l-agrikoltura u s-sajd. Fl-imgħoddi, il-ħaddiema kienu jużaw sorsi ta' enerġija naturali, per eżempju r-riħ, l-ilma u s-saħħa tagħhom stess. Iżda fis-seklu tmintax, il-bniedem irnexxilu jtejjeb il-produttività billi ħoloq u żviluppa diversi magni ġodda. Permezz ta' teknika ġdida, ix-xjenzati ħolqu wkoll l-enerġija tal-elettriku. Ilum il-ġurnata, il-magni u l-kompjuters qed jieħdu post ix-xogħol tal-bniedem. Għaldaqstant, ir-Rivoluzzjoni Industrijali biddlet il-mod kif isir ix-xogħol.



1. X'nifhmu bil-kelma '**xogħol**' skont l-ILO?

______________________________________________________________

______________________________________________________________*(2 marki)*

2. Spjega kif inbidel ix-xogħol minn qabel l-Indipendenza sa llum.

______________________________________________________________

______________________________________________________________*(2 marki)*

3. Illum ix-xogħol tal-idejn naqas ħafna, iżda x-xogħol fuq il-magni u l-kompjuters żdied. X'tip ta' ħiliet irid ikollu l-ħaddiem tal-lum?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________*(3 marki)*

4. Fil-passat, l-agrikoltura u s-sajd kienu jiddominaw l-ekonomija. Taħt liema settur jaqgħu dawn it-tip ta' xogħolijiet?

______________________________________________*(marka)*

5. (a) X'nifhmu bil-kelma '**produttività**'? (b) Agħti eżempju.

(a)______________________________________________*(marka)*

(b)______________________________________________*(marka)*

6. Semmi **żewġ** żvantaġġi li ġabet magħha t-teknoloġija fuq il-post tax-xogħol.

(a)______________________________________________*(marka)*

(b)______________________________________________*(marka)*

Spjega.

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

7. (a) X'inhi r-**Rivoluzzjoni Industrijali**?

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

(b) Spjega xi tibdil li ġabet magħha din ir-Rivoluzzjoni?

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

8. (a) Taħseb li Malta ġiet influwenzata minn din ir-Rivoluzzjoni daqs pajjiżi oħra?

______________________________________________ *(marka)*

(b) Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

9. (a) F'liema settur tixtieq li inti taħdem?

______________________________________________ *(marka)*

(b) Agħti **żewġ** raġunijiet għal dan.

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

**TAQSIMA Ċ** **(25 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA fid-dettal.**

1. (a) X'inhi '**żona industrijali**'?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________*(3 marki)*

(b) Fejn insibuhom hawn Malta?

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

2. X'inhuma l-effetti taż-żoni industrijali fuq in-nies tal-inħawi?

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

___________________________________________________ *(5 marki)*

3. Xi tfisser il-kelma '**esportazzjoni**'?

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

___________________________________________________ *(5 marki)*

4. Xi tfisser il-kelma '**importazzjoni**'?

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

___________________________________________________ *(5 marki)*

5. (a) X'inhi '**żona rurali**'?

(3 marki)

(b) Agħti **żewġ** eżempji.

(2 marki)

**TAQSIMA D** **(15-il marka)**

**Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin.**

1. Spjega għaliex il-kultura hija proċess magħmul mill-bniedem.

JEW

2. X'effetti pożittivi u negattivi jġib miegħu l-multi-kulturaliżmu.

JEW

3. L-ekonomija ta' Malta. Iddiskuti.

**TAQSIMA E** **(25 marka)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u wieġeb f'madwar 250 kelma.**

1. Hemm diversi aspetti li jinbidlu meta stil ta' ħajja ta' pajjiż partikolari jinbidel. Spjega dan b'referenza għas-soċjeta' Maltija.

JEW

2. It-teknoloġija kulma tmur qiegħda dejjem tiżviluppa aktar. Taqbel mat-teknoloġija fuq il-post tax-xogħol? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

JEW

3. It-tibdil fix-xogħol matul is-snin kien wieħed kontinwu. Spjega dan billi tgħid kif inbidel ix-xogħol minn qabel l-Indipendenza sal-lum.

**TMIEM IL-KARTA**